

*Tixxennaq u tinfena Ruħi Għat-Tempju tal-Mulej (3)*

# Il-Kappellun tar-Rużarju

jikteb
**Mario Formosa Holt**

Fost id-devozzjonijiet Marjani li nsibu fil-Parroċċa tagħna għandna dik tal-Madonna Tar-Rużarju, bil-Festa tagħha tiġi ċċelebrata nhar l-ewwel Ħadd t'Ottubru. Ir-Rużarju, dik it-talba tant għażiża għal Ommna Marija, tant li fid-dehriet kollha tagħha til-iż-żmien, dejjem ħeġġet li għandha tibqa tingħad.

**Il-Bidu tar-Rużarju**

Skont tradizzjoni popolari kien il-Patrijarka San Duminku l-ewwel wieħed li ta' spinta sabiex din it-talba tibda tingħad. Duminku, iben in-nobbli Feliċ Guzman u martu l-Beata Giovanna d'Aza twieled fir-raħal ta' Kalerwega, fit-Tramuntana ta' Spanja f'dik li kienet il-Kastilja l-Antika fl-1170. Fl-1208, meta Duminku ta' Guzman kien fl-aqwa tal-glieda ta' perwazjoni ma' l-eretiċi Albiġiżi u Valdensi huwa nxteħet f'riġlejn Ommu Marija fejn b'qalb imnikkta għall-aħħar talabha sabiex tregga lura lejn BinHa Ġesu' tant erwieħ mitlufa.

Hawn il-Madonna wrietu l-qawwa u l-forza tar-Rużarju bħala arma setgħana ħafna. Il-Fundatur ta' l-Ordni tal-Predikaturi miet nhar is-6 t'Awwissu 1221 u tlettax il-sena wara, preċiżament nhar it-3 ta' Lulju 1234 seħħet il-kanonizzazjoni tiegħu.

Aktar tard fi żmien, il-Beatu Alan de la Roche, wieħed mill-ħafna qaddisin u beati li ħaddnu l-ordni Dumnikan tul iż-żmien, ta' l-forma lir-Rużarju Mqaddes kif nafuha llum. Kif ser naraw aktar 'l quddiem f'din il-kitba, kien il-Papa San Piju V li waqqaf il-jum tas-7 t'Ottubru bħala l-Festa Liturġika tal-Madonna tar-Rużarju.

Naturalment anke f'pajjiżna din id-devozzjoni Marjana wkoll sabet art għammiela. Bdejna naraw artali taħt dan it-titlu tant sabiħ b'uħud minnhom bi kwadri Titulari ta' l-aqwa Artisti fosthom Francesco Zahra(1710-1773) fil-Knejjes Tagħna. Bdew jitwaqqfu Fratellanzi sabiex iħeġġu dejjem aktar lill-imsħieba tagħhom lejn din id-devozzjoni tant għaziza. Bdew jiġu ordnati wkoll xbieħat Marjani taħt dan it-titlu.



*L-artal tar-Rużarju armat fil-Festa Titulari ta' Stella Maris 2012*

**Tkabbir Tal-Knisja u Bini tal-Kappelluni.**

Kif nafu, lejn tmiem is-seklu dsatax ingħatat bixra differenti u akbar minn kif kienet originarjament lill-Knisja ta' Stella Maris. Dan ix-xogħol li sar bejn l-1874 u Diċembru 1877 issarraf fil-bini ta' Koppla maestuża, kor, presbiterju u żewġ kappelluni ferm spazjużi.

Naturalment f'dawn iż-żewġ kappelluni ttellgħu





*Il-Knisja Parrokkjali armata bil-Kbir f'Ottubru ta' l-1922, fl-okkażjoni tal-25 sena tal-Fratellanza tar-Rużarju*

żewġ artali. F'dak tal-lemin ta' l-altar maġġur hemm l-artal tal-Kruċifissjoni ta' Sidna Ġesu Kristu u allura l-kappellun beda jissejjaħ tad-Duluri minħabba l-fatt li bdiet tieħu ħsieb dan l-artal il-Pija Unioni li wara saret it-Terz Ordni Tas-Servi ta' Marija.

Fil-Kappellun tax-xellug insibu l-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Il-kwadru titulari ta' dan l-artal kien tpitter mill-magħruf pittur Zebbuġi l-Professur Lazzaro Pisani u tlesta f'Ottubru ta' l-1891. Huwa kopja fidila lejn ix-xbiehat tradizzjonali magħrufa bħala dawk tal-Madonna ta' Pompei.

Naturalment bħala protagonisti ewlenin f'dawn it-tip ta' kwadri nsibu lil Madonna bil-Bambin qegħdin inewwlu l-Kuruna tar-Rużarju lill-Patrijarka San Duminku kif ukoll lil Santa Katerina ta' Siena, Patruna tal-Lajċi Dumnikana. Taħt dan il-kwadru, kien hemm kwadru ovali li jirrapreżenta lil Sant' Anna.

Meta wara l-ħbit mill-ajru ta' l-għadu, fit-Tieni Gwerra Dinjija, il-Kappellun tad-Duluri ġarrab ħsarat kbar u ntilfu bosta opri artistiċi fosthom il-Kwadru ta' Ġużeppi Cali, kien tqabbad il-pittur Taljan Mario Caffaro Rore sabiex ipitter ieħor minfloku.

Allura l-kwadru tar-Rużarju ta' Lazzaro Pisani tneħħa sabiex iż-żewġ artali tal-Kappelluni t-tnejn iġibu l-firma ta' dan l-artist Taljan mill-Piemonte. Nistgħu ngħidu li Caffaro Rore ħareġ bi ħsieb ġdid, għalkemm is-suġġett naturalment baqa' l-istess, fejn f'dan il-kwadru kemm San Duminku u anke Santa Katarina, filwaqt li qed jilqgħu b'għozza l-Kuruna tar-Rużarju, qegħdin jagħtu darhom lil min qed iħares lejn l-istess kwadru.

B'xorti ħażina, il-kwadru ta' Sant' Anna, li semmejna aktar qabel, inqered fit-Tieni Gwerra Dinjija.

**Il-Fratellanza tar-Rużarju**

Jekk immorru ftit iżjed lura fiż-żmien, insibu li fl-1896 fil-Parroċċa ta' Stella Maris twaqqfet il-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes. Din il-fratellanza kellha bħala uffiċċjali tagħha lid-Direttur Spiritwali, li kein ikun il-Kappillan tar-Parroċċa, rettur, Prim Assistent, Sekond Assitent, Segretarju, Prokuratur, Assistent Prokuratur u erba' konsulturi.

Ftit snin wara l-erezzjoni tagħha, din il-Fratellanza ħasbet sabiex tikkummissjona statwa tal-Madonna tar-Rużarju.





L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju l-antika, li kien ħadem Karlu Darmanin fl-1901.

L-għażla waqgħet fuq ħadd ħlief il-magħruf statwarju Karlu Darmanin li kien lesta din l-istatwa fl-1901.

Dwarha nistgħu nisiltu xi kliem li nkiteb fil-gurnal Corriere Mercantile Maltese tat-21 ta' Diċembru 1901,

> *"Ammirajna llum kapolavur tas-Sur Carlo Darmanin. Din hija statwa għall-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, tas-Sliema, li tirrappreżenta l-Madonna tar-Rużarju bil-Bambin fuq driegħha. Din hi biċċa xogħol li turi l-fidi ta' artist li ilu jaħdem ħamsin sena u li għalkemm illum ghandu 78 sena għadu jaħdem."*

Din m'hiex l-istess statwa li għandna llum, għax b'xorti ħażina ntilfet wara l-ħbit mill-għadu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Dik li naraw illum, merfugħa f'niċċa biswit l-artal l-artal tar-Rużarju,

*Il-Kappellun tal-Madonna tar-Rużarju, armat fil-Festa tagħha fl-imgħoddi*





issawret minn idejn l-istatwarju li ddomina x-xena ta' l-arti sagra f'pajjiżna fis-seklu l-ieħor, jiġifiri Wistin Camilleri. Il-benefattur li ħallas għaliha kien il-Kommendatur Benjamino Gatt.

Sabiex inkomplu ngħidu xi ħaġa dwar il-Fratellanza tar-Rużarju mwaqqfs fil-Parroċċa tagħna, tajjeb insemmu li fost l-imsebħin ta' l-imsemmija Konfraternita' wieħed kien isib diversi saċerdoti. Fost dawn insibu lil Dun Ġużepp Bartolo li serva ta' Prokuratur kif ukoll lil Dun Mikiel Balzan li kien Segretarju ta' l-istess Fratellanza. In-numru tal-imsebħin kompla jikber u allura kompliet tinxtered dejjemaktar id-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes f'din il-Parroċċa Marjana.

Iż-żmien gerbeb ġmielu u l-Fratellanza tar-Rużarju kienet waslet sabiex fl-1921 tfakkar għeluq il-ħamsa-u-għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Kienu saru tħejjijiet kbar għal dawn il-festi, filwaqt li l-uffiċjali ta' l-istess Fratellanza ħasbu sabiex iżanżnu oggetti ġodda għal din l-istess okkażjoni. Filfatt l-artal, li kien sofra xi ħsara minħabba l-umdita' nqala minn postu u sar mill-ġdid.
Kien ġie kkonsagrat f'Settembru 1921 mill-Arċisqof l-E.T. Dom Mawru Caruana O.S.B. Fost l-oggetti mżanżna nsibu l-lampier tal-fidda li sar fuq inizjattiva ta' Dun Ġużepp Bartolo, il-Prokuratur tal-Fratellanza flimkien ma' l-ispizjar is-Sur Carmelo Demartino. Kien żżanżnu wkoll is-sett ta' gandlieri tal-Prima u Sekonda flimkien mal-Kurċifiss għall-istess artal.

Kif għedna kienu saru Festi sbieħ u devoti ħafna bil-Knisja Parrokkjali tkun imżejna bl-aħjar mod possibbli saħansitra anke b'xi ornamenti mad-dawra taċ-ċinta. Għal dawn il-Festi kien anke ġie mistieden l-e.T. Mons Angelo Portelli O.P. Isqof Titulari ta' Selimonte, Awżiljarju u Vigarju Generali Delegat ta' Malta.

**X'insibu Aktar fl-Istess Kappellun.**
Fuq il-lemin ta' l-artal tar-Rużarju, insibu Niċċa bl-Istatwa ta' San Ġużepp li dwarha ktibna s-sena li għaddiet. Fil-għoli mad-dawra ta' l-istess kappellun insibu erba' kwadri kbar impittra mill-istess artist Taljan mill-Piemonte Mario Caffaro Rore. Tnejn minn dawn il-kwadri juruna żewġ episodji mill-ħajja tal-Madonna.

L-ewwel wieħed, jiġifiri dak viċin il-presbiterju, juri t-tħabbira ta' l-Anglu Gabriel lil Madonna, filwaqt

***Il-Purċissjoni bl-Istatwa li ħadem Wistin Camilleri meta kienet tgħaddi mix-Xatt fis-snin ħamsin***





li l-ieħor, li qiegħed fuq il-bieb li jagħti għal barra, juri l-Prezentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju. Iż-żewġ kwadri l-oħra, li allura huma aktar qrib ta' l-artal, għandhom rabta aktar mill-qrib mad-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes.

Fl-ewwel wieħed, li qiegħed fuq in-niċċa ta' San Ġużepp, naraw lil San Piju V qiegħed jitlob l-interċezzjoni tal-Madonna Stella Maris waqt il-Battalja ta' Lepanto.

Antonio Ghislieri twieled ġewwa Bosco Marengo, provinċja tal-Piemonte fl-Italja ta' Fuq nhar is-17 ta' Jannar 1504. Tnejn u is-sittin sena wara allura ftit xhur wara l-Assedju l-Kbir ta' Malta, huwa ntagħżel bħala l-225 Papa tal-Knisja Kattolika.

Nistgħu nqisuh mhux biss bħala benefattur ewlieni li għen fil-bini tal-Belt Valletta imma wkoll kien strumentali sabiex l-Ordni tal-Kavallieri baqgħet fi Gżiritna. Kien hu wkoll li organizza l-Lega Santa li kienet magħmula mill-istati Kattoliċi tal-Mediterran f'taqbida kontra l-Imperu ottoman li ssarfet appuntu fir-rebħa tal-Battalja ta' Lepanto nhar is-7 ta' Ottubru 1571.

San Piju V kien talab ħafna lil Kattoliċi sabiex igħidu r-Rużarju. Il-Madonna bħalma dejjem jiġri, semgħet talbhom u l-jum tas-7 t'Ottubru ġie ddedikat bħala l-Festa Tal-Madonna tar-Rużarju.

Fatt kurjuż hu li b'rispett u tifkira ta' dan il-Papa Qaddis Dumnikan, il-Papiet kollha sal-ġurnata tal-lum baqgħu jilbsu abitu abjad. L-istess Provinċja Dumnikana Maltija hi ddedikata lilu.

Il-Kwadru l-ieħor, li jinsab fuq in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju, juri lil Beatu l-Q.T. Piju XI qiegħed jitlob quddiem xbieha tal-Madonna ta' Lourdes. Nafu kemm il-Madonna, fid-dehriet tagħha, dejjem saħqet, fuq l-importanza u l-qawwa tar-Rużarju.

Nifttakru wkoll li kien dan il-Papa li fl-1854 idefinixxa b'mod assolut bħala Domma tal-Fidi l-Tnissil Bla Tebgħa tal-Verġni Mbierka. Erba snin wara, il-Madonna f'waħda mid-dehriet tagħha lit-tfajla Santa Bernardina ġewwa Lourdes meta din staqsietha minn hi, wieġbet li hi L-IMMAKULATA KONĊEZZJONI.

Dan Kollu li għedna jurina b'mod ċar kemm ta' qabilna kellhom għal qalbhom din it-talba, li tant tagħti ġieħ u togħġob lil Omma tas-Sema. Anke erwieħ qaddisa ta' żmienna ħabbewha għaxtathom qawwa spiritwali.

Nistgħu nsemmu biss ftit eżempji bħal Beatu Gwanni Pawlu II, Madre Teresa ta' Calcutta u l-Ewwel Qaddis Malti San Ġorġ Preca. Dawn, u ħafna oħrajn bħalhom, għandhom ikunu ta' xprun għalina sabiex ma nabbandunaw qatt anżi ngħidu bil-qalb din it-talba tant għal qalb l-Omm Qaddisa t'Alla u l-Omm Ħanina tagħna lkoll.

**Riferenzi**


- Duminku ta' Guzman – Fr. Charles Tonna O.P
- Programm tal-Festa tar-Rużarju 2011- Gudja artiklu ta' Fr. Reno Muscat O.P,.
- Mill-Każin, ħarġa Nr 47 – Publikazzjoni King's Own Band
- Tas-Sliema, Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta.


***Kwadru li juri l-Madonna Stella Maris tidher lil San Piju V, waqt il-Battalja ta' Lepanto***



***Il-Kwadru tal-Madonna ta' Lourdes fil-Kappellun tar-Rużarju***

